KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5/2022

10 ta' Mejju 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

5.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

5.1.1 Ma kelnix.

5.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

5.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

5.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Sprenza Chircop u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

5.3 **Punti mill-Minuti Preċedenti :**

1. **Punt 4.3C PA/02207/22 – Latrina l-antika tax-Xewkija :** Is-Sindku reġa' talab lis-Sur Christopher Bruno joħrog għal dan il-punt mill-kamra minħabba kunflitt ta' interess li jista' jkun hemm.
Il-kunsill iddiskuta dan il-permess għat-tieni darba wara wkoll illi ntalbu wkoll kummenti / gwida mill-Perit ngaġġat mill-istess kunsill. Is-Sindku wkoll kien talab lill-kunsilliera javviċinawh b'xi informazzjoni li jistgħu jkollom fuq l-istess permess pero' sa din is-seduta ħadd ma ġab informazzjoni visavi dan l-istess permess. Is-Sindku qal illi l-kunsill irid ikollu pożizzjoni fuq dan l-iżvilupp ġdid qabel id-data ta' rappreżentanza mall-awtorita' tal-ippjannar. Is-Sindku spjega illi dan l-iżvilupp fil-fehma tiegħu ser jagħti 'uplift' u 'upgrade' tajjeb għaż-żona li fil-mument m'hijiex waħda żviluppata. Fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, is-Sindku qal ukoll illi l-kunsill għandu jagħmel ċertu kundizzjonijiet tiegħu bħal ngħidu aħna x'tip ta' mużika u storbju ser ikun qiegħed jagħmel biex wieħed ma jdejjaqx ir-residenti u forsi xi kundizzjonijiet oħra mhux kontra l-iżvillupp perse' imma biex wieħed iżomm ir-riedni mill-bidu ta' żvilupp bħal dan. Is-Sindku wkoll qara l-opinjoni u l-gwida tal-Perit li rċevejna aktar kmieni dan ix-xahar. Is-Sindku qal ukoll illi barra rappreżentazzjoni fuq l-istorbju wieħed għandu wkoll iniżżel il-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ. Filwaqt li l-kunsill qed jaqbel mal-proġett perse' l-istess kunsill huwa 'concerned' fuq il-kwistjoni ta' nuqqas ta' parkeġġ fiż-żona la darba dan l-iżvilupp ikun lest.

   Is-Sinjura Sultana qalet illi fil-fehma tagħha din il-letrina li qed tiġi mitlub li ssir post ta' rikreazzjoni għandha tiġi kkundizzjonata billi l-kunċett ta' letrina pubblika jibqa' hemm biex tiġi wżata wkoll mill-pubbliku speċjalment la

darba jiġi riġenerat ix-Xatt. Qisu bħal speċi dak li ttieħed mill-Kalkara jerġa' jingħata lura ma' dan l-istess żvilupp.

Il-kunsill qabel unanimament illi għandha tiddaħħal rappreżentazzjoni formali fuq il-punti li ġew diskussi hawn fuq. Is-Seg Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb li tagħmel dan anke mal-Perit tal-istess kunsill.

## 5.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

5.4.A **Numru ta' ħaddiema ġodda :** Is-Sindku nforma l-kunsill b'numru ta' ħaddiema ġodda li ġejjin mill-iskema illi l-kunsill ma jħalli l-ebda inpatt fuq il-kunsill finanzjarju ħlief il-'performance bonus' fl-aħħar tas-sena. Is-Sindku nforma wkoll il-kunsill illi inbeda xogħol b'ritmu mgħaggel f'diversi żoni fil-Kalkara. Qed isir xogħol ta' tindif, qtugħ ta' ħaxix, żebgħa, manutenzjoni u dak kollu li jkun hemm bżonn. Wieħed jista' diġa' jara d-differenza u anke r-residenti mill-kummenti tagħhom qed ikollna feedback posittiv ħafna.

**B Triq ta' wara l-knisja** : Is-Sindku nforma l-kunsill illi aktar kmieni din il-ġimgħa mar jara personalment it-triq il-ġdida ta' wara l-knisja. Is-Sindku qal illi x-xogħol għaddej b'ritmu mgħaġġel u minn informazzjoni li għandu, dan ix-xogħol ser jitlesta' sa mhux aktar minn xahrejn oħra. Is-Sindku wieġeb lis-Sinjura Maria Sultana dwar mistoqsija taħt min taqa' din it-triq fejn fil-qosor huwa spjega illi minn informazzjoni li għandu, l-Knisja dak iż-żmien kienet xtrat iż-żona sħiħa iżda t-triq dejjem kienet skedata u x-xogħol qed isir minn Infrastructure. Huwa saħaq li l-kunsill lokali ma għandux informazzjoni konkreta xi ftehim sar bejn il-Knisja u Infrastructure Malta dwar dan ix-xogħol infrastrutturali pero' fil-verita' l-kunsill huwa sodisfatt li dan ix-xogħol qed isir wara għexiren ta' snin u fl-aħħar qed issir ġustizzja ma' numru ta' residenti fi Triq Gianni Raimondo li għandhom il-garaxxijiet tagħhom jagħtu għal din it-triq.

C Bankini Konvoj Santa Marija : Is-Sindku nforma l-kunsill illi hekk kif diġa' ġie diskuss f'seduti preċedenti, tajjeb li issa wieħed jinnota illi x-xogħol beda biex sa fl-aħħar ikunu qed jingħataw 13-il parkeġġ ġdid fiż-żona dan wara wkoll argumentazzjoni li kien hemm mir-residenti stess illi tneħħiet żona ta' parkeġġ minn partijiet terzi għaliex iż-żona hija waħda kkonsidrata privata. Dan ix-xogħol qed isir minn naħa tal-'public works' u li l-kunsill mhux joħroġ 1c għalih

d. Ħoloq tad-dgħajjes tax-Xatt : Is-Sindku nforma l-kunsill illi dawn il-ħoloq li tant ilna nisimgħu fuqhom u jiġu diskussi, sa fl-aħħar Transport Malta ħarġet il-'go ahead' lill-GHRC l-awtorita' li qed tieħu ħsieb ir-riġenerazzjoni tax-Xatt jerġgħu jweħħlu dawn il-ħoloq għal benefiċċju ta' min jagħmel użu minn dgħajjes. Ser jitweħħlu minn GHRC fuq il-gwida ta' TM. Is-Sindku nforma l-kunsill dwar dan biex wieħed ukoll ikun jaf kif għandu jitkellem meta forsi xi

individwu jsib xi kunsillier partikolari u jistaqsi dwar dan. Ir-responsabbilta' tal-irbit tad-dgħajjes m'hijiex tal-kunsill pero' kien il-kunsill illi ddiskuta biex dawn il-ħoloq jerġgħu jsiru u enfażi kbira biex sa fl-aħħar ser jerġgħu jsiru.

E Ftehim każini tal-baned: Is-Sindku nforma l-kunsill dwar ħsieb li għandu fuq dan il-punt. Kulħadd jaf illi fil-preżent hemm xi daqsxejn konflitti u diżgwid fuq materji differenti. Tajjeb li wieħed isemmi illi l-festa tibqa' tiġi organizzata primarjament mill-knisja bis-sehem tal-għaqdiet. Is-Sindku qal illi qed jagħmel l-għalmu tiegħu biex il-każini jersqu lejn xulxin għal diskussjonijiet kostruttivi. Iż- żewg każini lmentaw illi fil-ġimgħa tal-festa u forsi anke f'jiem qabel ta' attivitajiet abbinati mal-istess festa tal-lokal huma jixtiequ illi l-pjazzez jiġu esklussivament għal użu tagħhom u mhux għal terzi. Is-Sindku ġab xi eżempji varji biex il-kunsill jifhem x'inhi din il-kwistjoni.
Is-Sindku qal illi jista' jkun ikun hemm anomaliji fil-ġimgħa tal-festa bħal persuni oħra mhux involuti fil-każin jew festa japplika għal xi żona li s-soltu tiġi wżata mill-każini. Għalhekk wieħed tajjeb li jagħmel dan il-ftehim bejn il-każini u l-kunsill biex fil-jiem tal-festa ż-żoni ikunu esklussivi għalihom.

Il-kunsill qabel unanimament illi għandu jkun hemm ftehim pubbliku maż-żewġ każini biex fil-ġimgħa tal-festi żoni partikolari jingħataw għad-delettanti taż-żewġ każini u mhux għal terzi persuni.

**<u>5.5 Korrespondenza :</u>**

1. Press Call – Tqassim ta' Boroz ; Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali rċevejna 'press call' fuq dan ir-rigward. Prattikament wieħed irid jifhem illi t-tqassim huma skemi privati u li l-assoċjazzjoni ser tkompli tagħmel pressjoni biex dan is-servizz jibqa' jingħata fil-futur. Prattikament din il-'press call' qiegħeda tgħid illi l-

kumpaniji / entitajiet huma privati m'humiex qed ituna boroż u mhux għax bħala kunsill m'għadniex nagħtu lir-residenti.

2. Bye-Law – Ħamiem fil-Lokal dlg ġibdulna l-attenzjoni biex tinħareġ il-'bye law' fuq il-ħamiem. Il-kunsill qabel unanimament mad-draft tad-dokument preżentat waqt il-laqgħa tal-kunsill biex b'hekk is-Seg Eżek tkun tista' tkompli l-proċess loġistiku u tinħareġ f'din il-'bye law' biex b'hekk niregoralizzaw ruħna wara li tweħħel l-apparat.

3. Tender Knis – Is-Sindku talab lis-Seg Eżek itella' din il-korrespondenza fil-laqgħa ta' Ġunju 2022

## 5.6 Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku ,is- Sur Vincent Bongailas

1. Attivitajiet Sportivi 2022 ;

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi bħalissa qed jaħdem fuq loġistika biex fit-23 ta' Mejju ssir l-ewwel laqgħa ġenerali ta' dan l-attivitajiet sportivi. Din ser tkun laqgħa ta' introduzzjoni. L-attivitajiet ser jibdew isiru Sibt iva u Sibt le. Is-Sur bongailas qal illi xtaq illi l-kunsilliera jattendu għal din il-laqgħa u jekk forsi javviċinahom xi ħadd li interessat jibgħat lit-tfal tagħhom ikellmuh minnufih ħalli jimlew l-applikazzjonijiet.

Dawn is-sezzjonijiet ser isiru għal tfal minn 7 snin il-fuq. Huwa saqsa lil Maria biex tqassam ukoll lit-tfal tal-iskola jekk il-kunsill jagħmilu forsi xi 100 kopja oħra u anke forsi tingħata 'token' magħhom lit-tfal biex jitħajru aktar jattendu dawn is-sezzjonijiet.

## 5.7 Komunikazzjoni mis-Sinjura Speranza Chircop , Kunsilliera

1. Ħarġa Kulturali

Is-Sinjura Speranza Chircop preżentat rendikont lill-kunsill formali u nnutat illi din il-ħarġa kienet veru ta' success.

Hija wkoll qalet illi ġiha ċ-ċans illi tkellem is-Sindku ta' Sannat fuq dak il-ftehim unanimu li kien hemm bejn iż-żewġ kunsilli issa jibdew jinħadmu. Is-Sinjura Chircop qalet illi fil- 15 ta' Ġunju ser tiskeda żjara f'Għawdex fil-lokal tas-Sannat.

2. Jum l-Omm / Jum il-Missier – żjarat bdew u qiegħeda wkoll terġa' tappella biex jekk hemm xi ħadd jaf il-xi ħaddieħor rikoverat id-dar jgħidulha bihom ħalli tmur iżżurom.

Notifika Anzjani - Is-Sinjura Chircop qalet illi tkellmet mal-Kappillan FR.Brian Gialanze biex tibda tiġi organizzata quddiesa fil-kappella tas-Salvatur hekk kif ukoll issuġġerixxa s-Sindku f'seduti preċedenti. Hija qalet illi qed tippjana tagħmel quddiesa u forsi xi sezzjoni għal dawk li ser jattendu aktar tard din is-sena.

3.

## 5.8 Punti Generali

Is-Sur Chris Bruno ghamel referenza għal 'bye law' li ġiet diskussa aktar kmieni f'din is- seduta biex paragrafu partikolari hemm bżonn li r-resident Kalkariżi għandom ikunu jafu b'dawn il-kundizzjonijiet biex ma jeħlux multi.

Is-Sindku attenda Jum l-Isla aktar kmieni din il-ġimgħa fejn is-Sur Joe Serracino rregala numru ta' kotba lil-librerija tal-kottonera.

Ħaddiema ġodda taw 'boost' il-kunsill fix-xogħolijiet ta' kuljum

Reġjun Port sejjaħ għal artisti li jagħmlu parti mir-Reġjun Port. Is-Sindku talab il-kunsill jekk wieħed ikun jaf il-xi ħadd interessat tajjeb li tingħatalu dik l-applikazzjoni biex jitniżżlu formalment f'dan ir-reġistru tal-artisti. Tajjeb li bħala kunsill inħajru nies mill-Kalkara.

Reading sessions bdew imma tajjeb li wieħed jagħmel sforz biex inqarrbu aktar ġenituri li jġibu t-tfal għal dawn is-sezzjonijiet.

Tqassim ta' pjanti- bħal ma' kulħadd jaf tqassmu madwar il-lokal fejn din is-sena kellna aktar ħdura milli fjuri. Is-Sindku qal illi wieħed għandu japprezza l-fatt illi il-Kalkara ingħatat pjanti biżżejjed għal kull residenza dan wara l-interess kbir li kien hemm mill- kunsilli madwar il-lokal.

Merħba lill-Fr.Matthew Pulis fejn ukoll f'isem il-kunsill talab laqgħa uffiċjali biex wieħed jilqgħu u nitkellmu bħala kunsill u l-Parroċċa tal-lokal fejn sa din id-data għadha ma ġietx skedata din il-laqgħa.

Format tal-agenda inbidlet ftit fuq gwida wkoll ta' 'sample forms' li l-kunsill qiegħed jara u jeżegwixxi.

## 5.9 Mistoqsijiet lis-Sindku :

1. Jekk hemmx xi żviluppi fuq il-parkeġġ temporanju fl-inħawi ta' Santu Rokku-mistoqsija mis-Sur Vincent Bongailas – ġiet diskussa f'punt preċedenti.

2. Jekk hemmx xi risposti fuq it-talba ta' rampa għal aktar aċċessibilta' fil-blokka tal-'Married Quarters' - mistoqsija mis-Sinjura Speranza Chircop – Is-Sindku kkonferma li ma kien hemm l-ebda tweġiba fuq din il-kwistjoni mill-awtorita' kkonċernata u ser ikun qiegħed ikellem lill-aġenzija support biex forsi jassistu fix-xogħol neċessarju minn naħa tagħhom.

3. Ringrazzjament formali mir-residenti ta' Triq is-Sibi kif ukoll mistoqsijiet jekk huwiex ser tingħata xi żebgħa fiż-żona u qtugħ ta' siġra partikolari fl-istess żona- mistoqsija mis-Sur Christopher Bruno

Is-Sur Bruno nforma l-kunsill illi r-resident ta' din iż-żona rringrazzjaw formalment lill-kunsill tax-xogħol li sar fuq din iż-żona. Is-Sindku qal illi ż-żebgħa tal-bankijiet ser ikun qed jieħdu nota u fuq il-żbir niċċekjaw naqra taqax taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill u naraw x'permessi għandhom bżonn biex din tinżabar. Is-Sinjura Chircop kompliet billi tgħid illi fl-istess żona hemm ukoll post vojta li sabiħ li wieħed jiżrahhom u r-residenti jieħdu ħsiebhom. Is-Sur Sindku qal illi din l-aspettativa li r-residenti jieħdu ħsieb iż-żoni ma treġix il-għaliex in-nies ma jieħdux inizzjattivi.

4. Fuq il-kwistjoni tad-dawl fi Triq il-Ġenista, is-Sindku qal illi l-Enemalta jridu jiġu qabel wieħed ikollu risposta definittavament pero' l-kuntrattur infurmat u ser terġa' tfakkru s-Seg Eżek biex jagħti feedback formali l-kunsill dwar din il-kwistjoni li diġa' kienet ġiet diskussa f'seduti preċedenti

## 5.10 Mozzjonijiet

1. Is-Sur Christopher Bruno xtaq irressaq mozzjoni biex jinbidel il-ħin tas-seduti tal-Kunsill għaż-żmenijiet tas-Sajf

Il-kunsill qabel unanimament illi s-seduti minn Lulju sa Settembru jsiru filgħodu.

## 5.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

**5.11.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**5.11.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 5.22

## 5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**5.12.1** Is-Seduta ntemmet fil 18:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-14 ta' Gunju 2022 fl-4:00 ta' wara Nofsinhar.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv